**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum il-Hamis 20 ta' Settembru 2018**

**Rikors Guramentat Numru:- 108/2016JVC**

**Lino Vella**

**vs**

**Martina mart Peter Paul Zerafa, Mariosa mart Joseph Portelli, Loreto sive Laurie Vella, Anthony Vella, Virgilio sive Gino Vella, John Vella u b'digriet tal-14 ta' Marzu 2017 gie nominat Virginio sive Gino Vella bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefra Pawla mart Michael Mercieca, Concetta Vella**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tal-attur illi ppremetta:

1. Illi missieru John Vella gà iben il-mejtin Paolo u Maria nee' Vella miet f'Victoria, Ghawdex, fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Dicembru elfejn u sitta (2006);

2. Illi huwa rregola s-successjoni tieghu bis-sahha ta' testment fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tas-sebgha (7) ta' April ta' dik l-istess sena 2006;

3. Illi bis-sahha ta' dak it-testment huwa nnomina bhala eredi universali tieghu lil uliedu kollha, il-kontendenti kollha ad eccezzjoni ta' Concetta Vella, wara li halla lill-istess Concetta Vella, martu, l-uzufrutt generali tal-assi tieghu kollha;

4. Illi ghalkemm fit-tielet Artikolu ta' dak it-testment, id-decujus kien ordna li jekk huwa "jitlef" il-kawza li kien hemm pendenti kontra l-esponenti dwar dritt ta' okkupazzjoni ta' ristorant bl-isem *Sea View Restaurant* "l-imsemmi ibnu Lino Vella jitlef kull beneficcju mholli lilu b'dan it-testment u jikkonsegwixxi biss is-sehem riservat skont il-ligi", effettivament dik il-kundizzjoni ma sehhitx kemm ghaliex l-imsemmija kawza effettivament ma "ntilfitx" minn John Vella, kif ukoll ghaliex hadd mill-eredi l-ohra ma talab, fi zmien utili, l-applikazzjoni ta' din il-kundizzjoni;

5. Illi ghalhekk l-esponenti jrid li jikkonsegwixxi sehmu mill-wirt u successjoni ta' missieru;

6. Illi, sussidjarjament, fil-kaz biss li din l-Onorabbli Qorti thoss li l-kundizzjoni stipulata fit-tielet artikolu ta' missieru avverat ruhha, hija applikabbli, u giet applikata, huwa jrid jiehu s-sehem riservat lilu skont il-ligi fuq dan il-wirt;

Talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tillikwida il-beni gia formanti l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-mejjet John Vella u l-konvenuta Concetta Vella billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet ugwali illi jigu assenjati wahda kull wiehed lill-assi partikolari ta' John Vella u lill-assi partikolari ta' Concetta Vella;

3. Tillikwida l-beni partikolari ta' John Vella billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjati lilu kif fuq inghad, u dawk l-assi parafernali illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Taqsam dawn l-assi bejn il-kontendenti kollha, ad eccezzjoni ta' Concetta Vella fi kwoti ta' ottava parti kull wiehed u wahda;

5. Tinnomina Nutar sabiex jircievi l-kuntratt pubbliku ta' divizjoni, liema kuntratt ghandu jsir bl-intervent ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci f'jum, hin u lok li jigi ffissat ghal dan l-ghan

6. F'kaz illi jirrizulta illi l-beni mhumiex kommodament divizibbli bejn il-kontendenti, tordna l-licitazzjoni tal-istess beni sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti kif fuq inghad;

7. **Sussidjarjament** f'kaz li l-kundizzjoni stipulata fit-tielet artikolu ta' missieru hawn fuq iccitat avverat ruhha, hija applikabbli, u giet applikata, u allura r-raba, il-hames u s-sitt talba hawn fuq ma jigux milqugha, tillikwida s-sehem riservat spettanti lill-esponenti fuq il-wirt ta' missieru u tikkundanna lill-konvenuti ahwa Vella sabiex ihallsu dan is-sehem riservat, bl-imghax skont il-ligi mid-data tan-notifika ta' dan ir-rikors guramentat.

Bl-ispejjez.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huma ngunti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kollha fejn gie eccepit:

1. Illi Lino Vella ma huwiex werriet ta' missieru John Vella stante li l-kondizzjoni testamentarja li kienet teskludieh milli jkun werriet avverat ruhha u in oltre ma kien hemm bzonn ta' l-ebda azzjoni da parti tal-eredi l-ohra ghall-konferma ta' l-applikazzjoni ta' din il-kondizzjoni.

2. Illi Lino Vella huwa biss legittimarju. Bhala tali fil-komputazzjoni tas-sehem riservat ghandhom jigu nkluzi d-donazzjonijiet u l-beneficcji gratuwiti li ppercepixxa Lino Vella minghand missieru. Barra minn hekk peress illi llum s-sehem riservat huwa meqjus bhala kreditu fuq l-eredita' tali kreditu ghandu jigi pacut ma' somma akbar illi Lino Vella ghandu jaghti lill-istess eredita' (naxxenti min-negozju ta' restorant) kif jigi dettaljatament pruvat fil-kors ta' smiegh il-kawza.

3. Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suespost id-disposti tal-ligi kif ukoll dawk testamentarji ghandhom jigu applikati rigorozament.

4. Illi din ir-risposta qed issir f'isem il-konvenuti kollha u qed tigi kkonfermata bil-gurament minn Virginio sive Gino Vella li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi fil-verbal taghha tas-16 ta' Mejju, 2017 din il-Qorti qieset li jkun idoneu li qabel xejn jinstemghu l-provi u tigi deciza l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti dwar jekk l-attur hux werriet jew le ta' missieru John Vella.

Semghet u rat ix-xhieda, dokumenti u provi kollha mressqa mill-partijiet dwar din l-eccezzjoni.

Rat illi fil-verbal tad-19 ta' April, 2018 il-kawza thalliet ghad-decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza tikkoncerna testment li sar minn missier il-partijiet John Vella liema testment igib id-data tas-7 ta' April, 2006 fl-atti tan-Nutar Dr. Paul George Pisani esebit fl-atti a fol. 9 sa 11 tal-process. Fil-fatt f'dan it-testment missier il-kontendenti John Vella (li gie nieqes nhar is-26 ta' Dicembru, 2006) impona kundizzjoni fuq l-attur Lino Vella li fuqha jiddependi jekk l-attur ghandux jigi kkunsidrat bhala werriet ta' missieru jew le. Fil-fatt l-artikolu 3 tat-testment in kwistjoni jaqra kif isegwi:

*'It-testatur jiddikjara illi tezisti pendenti kawza fil-Qorti ta' Ghawdex bejnu u bejn ibnu Lino Vella dwar dritt ta' okkupazzjoni ta' ristorant bl-isem Sea View Restaurant, fil-port ta' l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex. Dan ir-ristorant huwa maqsum f'zewg sulari u kull sular qed jigi gestit bhala ristorant separat. It-testatur irid u jordna li kemm-il darba huwa jitlef l-imsemmija kawza, l-imsemmi ibnu Lino Vella jitlef kull beneficcju mholli lilu b'dan it-testment u jikkonsegwixxi biss is-sehem riservat skont il-Ligi. F'dik l-eventwalita' li l-kawzaimsemmija tintrebah mit-testatur, l-istess testatur jordna u jiddisponi li d-dritt ta' inkwilinat ossija kull dritt spettanti lit-testatur mill-hanut li jinsab fil-pjan terran jigi mholli b'titolu ta' prelegat lil uliedu: Virgilio sive Gino u John, ahwa Vella, indivizament bejniethom; il-parti ta' fuq tithalla ndivizament lit-tmien ulied tat-testaturi hawn taht imsemmija. Inoltre t-testatur jiddikjara li huwa ghandu jiehu diversi somom ta' flus minghand ibnu Lino Vella rigwardanti l-gestjoni tar-ristoranti fuq imsemmija. Ghaldaqstant, it-testatur irid u jordna li kemm-il darba l-imsemmi ibnu Lino Vella jipprova jfittex jew iharrek lill-werrieta l-ohra ghal xi allegati spejjez jew benefikati illi huwa ghamel fl-imsemmija ristoranti, huwa ghandu similment jitlef kull beneficcju mholli lilu b'dan it-testment u jikkonsegwixxi biss is-sehem riservat skont il-Ligi. F'dik l-eventwalita' sehmu ghandu jakkrexxi favur tal-ko-legatarji jew ko-werrieta l-ohra skont il-kaz.'*

Illi fil-kawza odjerna kemm l-attur kif ukoll il-konvenuti jirrikonoxxu li taghmel differenza ghall-andament ta'din il-kawza l-kwistjoni dwar jekk l-attur hux werriet ta' John Vella jew le. Tant hu hekk li t-talbiet attrici fil-kawza odjerna jiddistingwu bejn ix-xenarju fejn l-attur huwa kunsidrat werriet jew ix-xenarju fejn huwa mhux werriet allura qed ifittex ghall-hlas tal-legittima dovuta lilu. Min-naha l-ohra l-konvenuti eccepew fl-ewwel eccezzjoni taghhom kif isegwi:

*'Illi Lino Vella ma huwiex werriet ta' missieru John Vella stante li l-kondizzjoni testamentarja li kienet teskludieh milli jkun werriet avverat ruhha u in oltre ma*

*kien hemm bzonn ta' l-ebda azzjoni da parti tal-eredi l-ohra ghall-konferma ta' l-applikazzjoni ta' din il-kondizzjoni.'*

Illi kien ghalhekk li din il-Qorti ddekretat li kien aktar idoneu li tinghata decizjoni dwar din l-eccezzjoni qabel ma' l-kawza tkun tista' tipprocedi jew bhala kawza ta' qsim ta' wirt jew bhala kawza ta' hlas ta' legittima.

Illi mill-atti jirrizulta li l-kawza li tissemma fit-tielet artikolu tat-testment imsemmi, hemm qbil bejn il-partijiet li kienet dik bin-numru 74/2004 fl-ismijiet John Vella vs. Lino Vella (esebita a fol. 47 et seq tal-process) deciza mill-Magistrat Dr. Paul Coppini nhar l-20 ta' Novembru, 2008 (cioe' wara l-mewt tal-istess John Vella u wara li l-kawza giet trasfuza f'isem l-eredi bl-eskluzjoni tal-attur odjern Lino Vella). Din il-kawza fil-parti l-aktar rilevanti taghha giet deciza kif isegwi:

*'Il-Qorti da parti taghha ma taqbel xejn ma' din is-sottomissjoni tal-konvenut, ghax ma tara xejn stramb fil-fatt li l-attur accetta li jiddividi l-profitti mal-konvenut, kemm-il darba tigi superata c-cifra msemmja, tenut kont li l-ispejjez kollha tal-modernizzar u tkabbir tan-negozju kien ser jaghmilhom il-konvenut wahdu, kif ukoll li l-attur kien gia ser ikun intitolat ghall-ewwel Lm1500 mill-profitti. Min-naha l-ohra l-attur qatt ma kellu ntrojtu garantit, kif kien ikun il-kaz kieku dan il-ftehim kien wiehed ta' kera, u din is-somma kien jehodha biss kemm-il darba jkun hemm profitti bizzejjed f'kull sena partikolari. Ghaldaqstant mhix qeghdha taccetta t-tezi tal-konvenut illi l-ftehim in kwistjoni kien wiehed simulat ta' kera u mhux ta' assocjazzjoni kif fil-fatt gie stipulat.*

*Jibqa' ghalhekk sabiex jigi ezaminat jekk hemmx ragunijiet gravi bizzejjed li jimmeritaw li jigu milqugha t-talbiet ta' l-attur biex jigi xolt dan il-ftehim u jirriprendi l pussess tal-hanut de quo. Mill-provi prodotti jirrizulta illi minkejja li l-konvenut ha t-tmexxija tan-negozju f'idejh hekk kif irritorna mis-safar, missieru ma abbandunax il-hanut tieghu ghal kollox u baqa' jiffrekwentah billi jmur josserva x'kien qed isir u xi kultant anke jaghti daqqa t'id bhalma kienet taghmel martu fil-facendi li jkun hemm bzonn. Irrizulta wkoll ammess illi l-attur, minn kemm ilu li gie ffirmat il-kuntratt, qatt ma rcieva ebda sehem mill-profitti. L-attur jgħid illi meta kien jitolbu xi ħaga, il-konvenut kien jgħid li ma kienx hemm bizzejjed mnejn jaghtih, u kien ghad ghandu hafna djun. Madankollu jidher illi l-attur qaghad fuq dak li kien jghidlu ibnu f'dan ir-rigward u qatt ma kkontestah u wisq anqas talbu formalment jew mod iehor rendikont tad-dhul u hrug tan-negozju. Jidher illi l-attur kien jikkuntenta ruhu b'dak li kien liberament jiehu f'forma ta' ikel u xorb*

*mill-hanut perjodikament. Jidher illi r-relazzjonijiet bejn l-attur u ibnu kienu ghal bosta snin tajbin hafna u l-attur bl-ebda mod ma fittex li jesigi xi kondizzjonijiet minn dawk li kienu gew stipulati fil-kuntratt. Tant hu hekk illi ghal snin twal l-attur u martu rabbew lil bin il-konvenut, wara li dan ghadda minn proceduri gudizzjarji dwar iz-zwieg tieghu, u kien biss ftit xhur qabel ma giet istitwita din il-kawza li l-attur, x'aktarx istigat minn uhud minn uliedu l-ohra, li sadanittant beda jiddispjacihom li ma kienux indahlu huma ghal dan in-negozju, li beda jesigi li jinghata rendikont u sehem mill-profitti.*

*Hekk ukoll lanqas irriz□ulta li l-konvenut kien b'xi mod negligenti u nkapaci fil-gestjoni ta' dan in-negozju. Anzi minn dak li ntqal, huwa ghamel dejjem l-almu tieghu sabiex igib in-negozju 'l quddiem, kabbar l-ispazju disponibbli ghall-klijenti, billi bena sulari addizjonali, u fetah ukoll restaurant iehor, li minhabba l-volum ta' xoghol, kellu jafda f'idejn terzi.*

*F'tali cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li, fejn John Vella innifsu kien ghal tant snin tant tolleranti mal-konvenut u qatt ma esiga mieghu ebda kondizzjoni minn dawk stipulati dwar il-profitti jew rendikonti regolari, ma rrizultaw ebda fatturi gravi bizzejjed li jimmeritaw li jintlaqgħu t-talbiet ta' l-attur dwar ix-xoljiment tal-kuntratt ta' assocjazzjoni u r-ripreza tal-pussess tal-fond indikat fic-citazzjoni.*

*Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi l-kawza billi, filwaqt illi tilqa' t-tielet sas-sitt eccezzjoni tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.'*

Illi sa dan l-istadju ma hemm l-ebda dubju f'mohh din il-Qorti anzi huwa car daqs il-kristall mill-istess decizjoni li t-talbiet tal-attur John Vella gew michuda bl-ispejjez kollha kontra tieghu w'ghalhekk kien tellief fil-kawza.

Jirrizulta izda li minn din id-decizjoni gie ntavolat appell kemm mill-eredi ta' John Vella kif indikati fl-okkju kif ukoll gie ntavolat appell incidentali minn Lino Vella u cioe' l-attur odjern. Id-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tinsab esebita fl-atti a fol. 57 tal-process fejn fil-parti saljenti taghha gie deciz kif isegwi:

*'L-iskop tal-appell odjern huwa sabiex il-kuntratt ta' assocjazzjoni jigi dikjarat xolt, filwaqt li l-iskop tal-appell incidentali hu sabiex il-kuntratt ta' assocjazzjoni jigi kunsidrat bhala wiehed simulat ta' kera. Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li jigi kkunsidrat l-appell incidentali qabel l-appell principali.*

*L-Appell Incidentali*

*Il-konvenut fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu jikkontendi li l-kuntratt kien fil-verita' kuntratt ta' kera li gie simulat biex jidher bhala ftehim ta' assocjazzjoni halli jevadu l- projbizzjoni mposta mis-sid li ssir xi sullokazzjoni jew cessjoni ta' kirja originali. L-ewwel Qorti osservat li ma tressqux provi fir-rigward u li l-konvenut strah sempliciment fuq il-modalitajiet tal-istess ftehim li fil-fehma tieghu kienu jindikaw x'kienet il-vera ntenzjoni tal-kontraenti. L-ewwel Qorti ghalhekk ikkonkludiet li l-allegazzjoni ma gietx pruvata u konsegwentement cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tieghu.*

*Il-konvenut appellat fl-appell incidentali tieghu pero' jinsisti li t-tezi tieghu, u cioe' li l-kuntratt kien in effetti kuntratt ta' kera simulat, effettivament tirrizulta minn diversi fatturi. Huwa jaccenna ghall-fatt li gie pruvat li l-attur John Vella kien jiddetjeni l-fond b'titolu ta' kera minghand il-Gvern u jargumenta li kulhadd jaf x'inhuma l-kundizzjonijiet normali f'kuntratti simili. Isemmi wkoll li John Vella qatt ma talbu xi forma ta' rendikont ghal aktar minn tlettax-il sena; jargumenta li s-somma ta' Lm20,000 bhala profitt minn restorant fl-1989 hija konkluzjoni li wiehed ghandu jasal ghaliha wara li jiehu in konsiderazzjoni cirkostanzi tal-hajja u l-kummerc gewwa Ghawdex f'dik l-epoka u jistieden lil din il-Qorti tara l-Avviz Legali 32 tal-1989 li jiffissa l-paga minima fl-ammont ta' LM30.38 fil-gimgħa. Isostni li l-fatt li l-kummerc f'Ghawdex kien limitat huwa "fact of common and public knowledge" u ma kienx mehtiega li jigi ppruvat minn xi parti fil-kawza.*

*Din il-Qorti wara li ez□aminat l-atti hija tal-fehma li l-"provi" mressqa m'humiex perswassivi u konklussivi fil-konfront tat-tezi tal-appellat. Li kuntratt huwa simulat m'ghandux jigi ppruvat permezz ta' inferenzi minn, u interpretazzjonijiet tal-istess kuntratt.*

*Kif issottomettew l-appellanti, kien jispetta fl-ewwel lok lill-appellat li jipproduci bhala xhud lil xi rapprezentant tad-Dipartiment tal-Artijiet biex jesebixxi l-kuntratt ta' kera li ghandu mal-Gvern ta' Malta u jipprova l-klawsola li tipprojbixxi s-sullokazzjoni. L-appellat pero' dehrlu li l-ewwel Qorti kellha tassumi li kien hemm din il-projbizzjoni li ssir sullokazzjoni peress li l-kundizzjonijiet normali f'kuntratti simili ta' kera minghand il-Gvern "huma ben noti ghal kulhadd".*

*Il-konvenut appellat fl-affidavit tieghu xehed li l-attur qatt ma talbu rendikont tal-gestjoni tan-negozju ghal numru ta' snin pero' meta beda jitlobhomlu hu dejjem tahomlu. Pero' anke jekk l-attur qatt ma talbu rendikont, din fiha nnifisha*

mhix xi prova konkluziva li l-ftehim ma kienx ta' assocjazzjoni, specjalment tenut kont tal-fatt li s-soci kienu missier u iben u jirrizulta li r-relazzjonijiet bejniethom kienu tajbin u nformali għall-aħħar.

Fir-rigward tas-somma ta' Lm20,000, il-konvenut appellat fl-affidavit tiegħu xehed li l-profitti qatt ma qabz□u dan l-ammont, izda dan il-fatt ma jammontax ghall-prova konkluziva li meta sar il-ftehim l-intenzjoni kienet biex tassikura li l-attur ma jkollu l-ebda sehem mill-profitti. Huwa jargumenta li l-kummerc f'Ghawdex kien limitat f'dawk iz-zminijiet, izda ma ressaqx provi f'dan is-sens. Veru li huwa esebixxa kopji ta' profit and loss accounts ta' kull sena, inkluz tas-sena 1989 (fol 70) li skont l-istess dokument dik is-sena n-negozju sofra telf ta' Lm943, izda dan id-dokument li jirrapprezenta l-andament partikolari tan-negozju tal-appellat ma jippruvax li n-negozju f'Ghawdex f'dawk iz-zminijiet kien limitat. L-appellat jaghmel ukoll referenza ghall-Avviz Legali dwar il-paga minima ta' dawk iz-zminijiet, izda din il-Qorti ma tarax kif dan ghandu neccessarjament jittiehed bhala ndikazzjoni li s-somma ta' Lm20,000 kienet difficli li tintlahaq. Se mai jekk ghandu jigi nferit li n-negozju kien tant limitat u l-pagi kienu tant baxxi li ma kienx mistenni li l-profitti tan-negozju jkunu tajbin, allura min-naħa l-ohra hija ferm rilevanti l-osservazzjoni tal-ewwel Qorti li l-attur qatt ma kellu ntrojtu garantit (kif kien ikun il-kaz kieku l-ftehim kien wiehed ta' kera) peress li s-somma ta' Lm1,500 kellu jehodha biss kemm-il darba jkun hemm profitti bizzejjed f'kull sena partikolari.

Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li l-allegazzjoni tas-simulazzjoni tal-kuntratt ma gietx pruvata sodisfacentement. Ma tressqu l-ebda provi perswaz□vi u diretti f'dan ir-rigward. L-argumenti tal-appellat biex jipprova li l-kuntratt kien simulat huma wisq dghajfa. Is-simulazzjoni ghandha tigi ppruvata permezz ta' provi cari u mhux permezz ta' interpretazzjonijiet, deduzzjonijiet u assunzjonijiet kif qed jittanta li jaghmel l-appellat. Isegwi ghalhekk li l-aggravju tal-appellat f'dan l-appell incidentali huwa nfondat u konsegwentement din il-Qorti tichad dan l-appell incidentali u tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut appellat

L-Appell Principali

. . .

L-ewwel aggravju

L-appellanti jargumentaw illi ladarba l-konvenut appella qatt ma ghamel il-parti tieghu u qatt ma ghadda profitti lill-attur, kien gustifikat li l-istess attur jitlob it-

*terminazzjoni tal-assocjazzjoni. Huma jargumentaw illi kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti, minkejja li John Vella u ibnu Lino kellhom relazzjonijiet tajba bejniethom, tul iz-zmien John Vella kien fil-fatt regolarment jitlob il-hlas tal-parti tieghu lil Lino Vella, liema hlas qatt ma sar.*

*L-appellat Lino Vella xehed li ghal zmien twil qatt ma kien hemm divergenzi bejnu u bejn missieru (l-attur) u jissuspetta li s-sors tal-problemi aktarx li mhux missieru l- attur, izda hutu. Xehed li huwa kien jaghmel minn kollox biex kemm lil missieru kif ukoll lil ommu ma jhallihom neqsin minn xejn u dak li kien dovut lilhom dejjem tahulhom – daqqa fi flus u daqqa f'affarijiet ohra ghall-uzu personali tagħhom. Kif osservat l-ewwel Qorti jidher li l-attur kien "jikkuntenta" ruħu b'dak li kien liberament jieħu f'forma ta' ikel u xorb mill-hanut regolarment. Anke jekk l-attur verament kien jitlob lil ibnu l-hlas u hu ma kienx ihallsu, jidher li l-istess attur kien accetta ghal diversi snin is-sitwazzjoni fejn jithallas il-profitti "in kind" minflok fi flus. Din il-Qorti ghalhekk fic-cirkostanzi wkoll hija tal-fehma li ma kienx gustifikat l-attur li jitlob it-terminazzjoni tal-assocjazzjoni ghar-ragunijiet mitluba fic-citazzjoni.*

*Fi kwalunkwe kaz, jinsistu l-appellanti, l-attur bhala socju kellu d-dritt li jitlob it-terminazzjoni tas-socjeta' anke minghajr ma jaghti raguni. Kif jargumenta l-appellat pero', dan huwa argument gdid. Fic-citazzjoni l-attur ibbaza t-talba tieghu ghax-xoljiment fuq l-allegat nuqqas tal-konvenut li (1) jmexxi n-negozju b'diligenza u kapacita' u (2) li jghaddi l-profitti lill-attur. Kienet fuq din il-bazi li l-attur illimita t-talba tieghu, u kienet fuq din il-bazi li l-appellat ressaq il-provi biex jirribattiha, u li l-Qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha. Ghalhekk certament mhux lok li issa fl-istadju tal-appell jitqajjem dan l-argument gdid.*

*Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellanti jirrizulta nfondat.*

*It-tieni aggravju:*

*Fit-tieni aggravju taghhom l-appellanti jattakkaw l-interpretazzjoni tal-Qorti fejn hija rriteniet li l-attur bl-ebda mod ma fittex li jesigi xi kundizzjonijiet minn dawk li kienu gew stipulati fil-kuntratt. Huma jsostnu li b'dan id-diskors taghha l-ewwel Qorti qeghdha tghid li mplicitament l-attur kien irrinunzja ghad-drittijiet tieghu u jargumentaw li biex tkun ammissibbli rinunzja tacita din trid tirrizulta b'mod car u nekwivoku. Fil-fehma taghhom ma kien hemm l-ebda agir min-naha tal-attur li minnu seta' jigi dezunt li kien qieghed jirrinunzja ghad-drittijiet tieghu.*

*L-attur istitwixxa din il-kawza sabiex bhala konsegwenza tal-allegat fatt li l-*

*konvenut ma mexxiex in-negozju b'diligenza u wkoll tal-allegat fatt li m'ghaddilux il-profitti kif kien obbligat li jaghmel, il-ftehim ta' assocjazzjoni jigi dikjarat xolt u l-pussess tal-fond jigi ritornat. Fir-rigward tat-tmexxija tan-negozju assolutament ma giex pruvat li n-negozju ma tmexxiex b'diligenza, anzi jidher li l-konvenut ghamel l-almu tieghu biex jespandih u jgibu 'l quddiem. Fir-rigward il-profitti rrizulta li l-attur kien tolleranti ghal diversi snin ma' ibnu l-konvenut u qatt ma esiga jew enforza l-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt dwar profitti jew rendikonti regolari. Kien ghalhekk li l-ewwel Qorti ma dehrilhiex li kien hemm fatturi gravi bizzejjed li jimmeritaw ix-xoljiment tal-kuntratt ta' assocjazzjoni u r-ripreza tal-fond in kwistjoni.*

*L-appellanti jargumentaw li dan it-tip ta' ragjonament ifisser li l-imgieba tal-attur qed tigi kkunsidrata bhala rinunzja tacita tad-drittijiet tieghu u jsostnu li dan ma kellux ikun il-kaz ghaliex tali rinunzja ma tirrizultax b'mod car uinekwivoku fic-cirkostanzi. Isostnu li ma kien hemm l-ebda agir da parti tal-attur li minnu seta' jigi dezunt li kien qed jirrinunzja ghad-drittijiet tieghu.*

*L-appellanti pero' donnhom qeghdin jippruvaw ipoggu l-kliem f'halq l-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti qatt ma semmiet li kien hemm rinunzja tacita da parti tal-attur tad-drittijiet tieghu. Hija semplicimente osservat li l-attur kien ikkuntenta ruhu b'dak li kien liberament jiehu f'ikel u xorb mill-hanut perjodikament. L-ewwel Qorti qatt ma qalet li b'daqshekk huwa tacitament irrinunzja ghad-drittijiet tieghu. Hija rrikonoxxiet id-dritt tieghu li jitlob ix-xoljiment tas-socjeta', izda meta ezaminat l-ilmenti tieghu li fuqhom kien qed jippernja t-talba tieghu ghax-xoljiment dehrilha li l-fatturi ma kinux gravi bizzejjed: fir-rigward tan-nuqqas ta' diligenza fit-tmexxija tan-negozju dan ma giex ippruvat, u fir-rigward tan-nuqqas ta' hlas tal-profitti hija dehrilha li minhabba l-accettazzjoni tas-sitwazzjoni ghal diversi snin, fejn fin-nuqqas ta' hlas da parti tal-konvenut l-attur ikkuntenta li jithallas "in kind", dan ma kienx ilment gravi bizzejjed li jimmerita x-xoljiment tas-socjeta'.*

*Din il-Qorti hija tal-istess fehma: ma jistax l-attur jittollera u jaccetta sitwazzjoni u mgieba da parti tas-socju tieghu ghal numru ta' snin imbaghad habta u sabta jiddeciedi li jrid il-fond lura u juza l-istess tolleranza u accettazzjoni kontra l-istess socju biex jittermina l-ftehim ta' bejniethom.*

*It-tieni aggravju tal-appellanti ghalhekk huwa wkoll infondat.*

*It-tielet aggravju:*

*Fit-tielet aggravju taghhom l-appellanti jsostnu illi la darba l-ewwel Qorti cahdet*

*l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal- konvenut appellat dan kellu jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.*

*Din il-Qorti tirreferi ghall-Artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 li jistipula li "Fil-kazijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet ikunu t-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra."*

*Fil-kazin kwistjoni l-ewwel Qorti nvestigat fit-tul u dahlet sew fl-ewwel zewg eccezzjonijiet li qajjem il-konvenut dwar il-kwistjoni tas-"simulazzjoni" tal-kuntratt in kwistjoni. Ghalkemm hija spiccat biex caħdet it-talbiet kollha tal-attur, dan m'ghamlitux għaliex il-konvenut kellu ragun dwar il-punt tas-simulazzjoni izda ghaliex il-bazi li fuqha l- attur kien qed jitlob ix-xoljiment tal-kuntratt ma rrizultatx pruvata. Dwar il-punt tas-simulazzjoni l-konvenut kien tellief, tant hu hekk li huwa ntavola appell incidentali fuq dan l-istess punt. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li t-tielet aggravju huwa fondat u l-konvenut ghandu jagħmel tajjeb ghall-parti mill-ispejjez tal-kawza appellata fil-porzjon ta' kwart 1/4.*

*Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddciedi din il-kawza billi: (1) tichad l-ewwel zewg aggravji tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata (hlief ghal dik il-parti dwar il-kap tal-ispejjez);*

*(2) tilqa' t-tielet aggravju tal-appellanti u tordna li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu tliet kwarti 3/4 mill- appellanti u kwart 1/4 mill-appellat; u*

*(3) tichad l-appell incidentali tal-appellat.*

*L-ispejjez tal-appell principali ghandhom jithallsu tliet kwarti 3/4 mill-appellanti u kwart 1/4 mill-appellat; filwaqt li l-ispejjez tal-appell incidentali ghandhom jithallsu mill-appellat.'*

Illi minn qari ta' din id-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell jirrizulta in succinct li filwaqt li l-istess Qorti kkonfermat tista' tghid bi shih id-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti varjat biss dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ma ordnatx li l-ispejjez relatati mal-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut dwar is-simulazzjoni, li gew michuda, jithallsu mill-konvenut la darba kienu gew michuda. Fil-bqija jirrizulta li t-talbiet tal-attur fil-kawza regghu gew michuda mill-Onorabbli Qorti tal-Appell w'ghalhekk ma hemmx dubju li l-attur John Vella f'dik il-kawza kien tellief. Din il-Qorti ma taqbilx

mas-sottomissjonijiet tal-attur odjern Lino Vella li ghaliex huwa gie ordnat ihallas l-ispejjez tal-ewwel zewg eccezzjonijiet tieghu stess, stante li gew michuda, allura dan ghandu b'xi tigbid tal-immaginazzjoni jigi meqjus li l-attur f'dik il-kawza ma kienx tellief.

Illi l-artikolu tlieta tat-testment in kontestazzjoni jghid li kemm-il darba John Vella jitlef l-imsemmija kawza allura ibnu Lino Vella jitlef kull beneficcju mholli lilu permezz tat-testment u jikkonsegwixxi biss is-sehem riservat skont il-Ligi. Jirrizulta lil din il-Qorti li din il-kundizzjoni avverat ruhha nhar l-24 ta' Gunju, 2011 permezz tad-decizjoni finali tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fejn gie kkonfermat li t-talbiet kollha ta' John Vella kienu qed jigu michuda. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet imressqa fl-atti mill-attur fejn isostni li sabiex jigi dikjarat li l-kundizzjoni avverat ruhha l-eredi l-ohra kellhom jifthu kawza *ad hoc* sabiex ikun hemm pronunzjament gudizzjarju dwar jekk il-kawza ntilfitx u li allura l-kundizzjoni avverat ruhha. Id-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell hija cara fejn iddikjarat lil John Vella tellief w'allura ma hemm bzonn ta' l-ebda pronunzjament iehor da parti ta' xi Qorti dwar jekk il-kundizzjoni avveratx ruhha jew le. Dwar dan il-punt ghalhekk din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet mressqa mill-konvenuti fl-atti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti billi tilqa' l-istess eccezzjoni kif dedotta. Konsegwentement tghaddi sabiex tichad ir-raba', il-hames u s-sitt talba attrici stante li la darba rrizulta li l-attur mhux werriet ta' John Vella allura dawn ma jistghu qatt legalment jigu milqugha u tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza fuq it-talbiet l-ohra rimanenti.

L-ispejjez kollha ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-attur.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur